MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 212/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur R. Mercieca)**
**Vs**
**Karl Bonello**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli mit-13 ta' Settembru, 2003 u kull xahar sussegwenti minn dik id-data, naqas milli jissoministra l-manteniment lilu ordnat li jhallas mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' Digriet tat-13 ta' Frar, 2003 (Dok A) u li permezz tieghu gie ordnat li jhallas is-somma ta' mitt lira Maltija (LM100) fix-xahar bhala manteniment ghal uliedu minuri.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza kif pero' ristretta ghall-iskadenza tat-13 ta' Settembru, 2003 u mhux "ghal kull xahar sussegwenti" w ikkundannatu ghal piena ta' sebat ijiem (7) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata u jekk inhu l-kaz, tirrevedi l-piena nflitta w tirreduci l-istess u dan in vista tac-cirkostanzi partikoli tal-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe' :- 1. li hu ma ghandux dhul u dan ikkonfermatu l-istess martu fix-xhieda taghha w li hu kien hallas regolarment qabel ix-xahar imsemmi fl-imputazzjoni ; 2. Illi hu qed jaghmel hiltu biex ihallas u anki qed jillikwida xi assi parafernali biex ikun jista' jaghmel dan; 3. Illi meta kien qed jipprova jillikwida, martu pprezent mandat kawtelatorju fuq ix-xerrejja; 4. b' dana kollu l-Ewwel Qorti xorta sabitu hati tal-imputazzjoni; 5. Illi hu xorta gabar is-somma dovuta ghax-xahar ta' Settembru, 2003 minnghand il-familjari tieghu w hallas lill-martu fil-mori tal-appell odjern.

**Semghet ix-xhieda u hadet l-informazzjoni ulterjuri fis-seduta tal-lum;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghat-trattazzjoni finali w sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena u qed tintalab varjazzjoni tal-istess in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

**Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubbllika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubbllika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u bosta sentenzi ohrajn.)**

**Illi r-raguni principali li qed jadduci l-appellant ghal varjazzjoni fil-piena hija dik li hu ma ghandux dhul. Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri" **[18.9.2002] u kif ukoll gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fl-Appell Kriminali ."**Il-Pulizija vs. Anthony Saliba" **[15.7.1998] il-fatt li persuna tisfa' bla xoghol jew bla introjtu ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .**

**Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar " **[2.9.1999] kienet irriteniet testwalment hekk :-**

***".....Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (Pol. vs. Lawrence Cutajar - 10.3.1995 u Pul. vs. Carmelo Farrrugia 23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment***

***kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) …kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "***

***"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-***

***1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet***

***bhal ma sar f'dan il-kaz , jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza , kopja legali tas-sentenza relattiva.)***

***2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih***

***skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."***

***Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita', li dak***

***l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret***

***rikonciljazzjoni . "***

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma' taqax taht il-kompetenza taghha .

**Illi umbaghad apparti li din il-Qorti ma rrizultaliex li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu skond id-Digriet tas-Sekond' Awla fil-periodu in kwistjoni, kif isostni** ANTOLISEI **fil-"*Manuale di Diritto Penale*" {*Parte Generale, Giuffre' (Milano*) 1989 ,**

**p.376.} , l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani hi li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza .(App. Krim.** "Pul. vs. Kang Se Il" **[28.7.94] per V. De Gaetano J.) .**

**Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta' natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta' kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta' reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament. Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f ' certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena , fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta' detenzjoni jew ammenda.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi raguni ohra li adduca l-appellant ghal varjazzjoni fil-piena hi li hu hallas l-ammont imsemmi fl-imputazzjoni fil-mori tal-appell. Illi dan il-hlas gie konfermat mill-avukat tal-parte civile, pero' rrizulta ukoll li mid-data tal-imputazzjoni sa' meta beda jinstema' dan l-appell l-appellant kellu arretrati ta' manteniment xi jhallas li jammontaw ghal LM1675. Illi kif taghmel f' kazijiet simili, din il-Qorti tat-zmien lill-appellant biex , jekk irid , jirregola ruhu dwar dawn l-arretrati ukoll, jekk ried isahhah l-argument tieghu ghal varjazzjoni fil-piena.**

**Illi din il-Qorti fis-seduta tat-13 t' Ottubru, 2005 giet infurmata li kien intlahaq ftehim biex il-parte civile tkun tista' tizbanka ammont ta' LM1309.93 li kienu sekwestrati w dan akkont ta' dawn l-arretrati. Din il-qorti umbaghad regghet ikkoncediet l-ahhar differiment biex tara jekk l-ammont kollu bilancjali giex saldat, qabel ma tippronunzja s-sentenza. Dan**

**din il-Qorti taghmlu ghaliex tara li jkun inutili li tvarja l-piena b' att ta' klemenza, jekk jirrizultalha li ghalkemm ikun thallas l-ammont mertu tal-kawza, ikun ghad fadal jithallsu arretrati ohra li jkunu akkumulaw fil-frattemp u li x' aktarx jistghu jaghtu lok ghall-proceduri kriminali ohra godda jekk ma jkunux diga pendenti ukoll quddiem Qrati ohra. Altrimenti dan ikun dahq fil-wicc l-amministrazzjoni tal-gustizzja.**

**Illi mill-informazzjoni li hadet illum stess waqt l-udjenza jirrizulta li l-appellant fadallu jhallas biss LM75 u dana wara li saru pagamenti ta' elf u sitt mitt lira sallum. Inoltre, il-parte civile mart l-appellant iddikjarat li in vizta ta' dan il-pagament m'ghandhix interess li zewgha jigi karcerat.**

Minhabba dawn l-izviluppi fil-mori ta' dan l-appell, ghall-fini tal-piena din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-appellant wettaq ir-rakkomandazzjoni taghha li jhallas lil martu ammont sostanzjali mhux biss tal-ammont imsemmi fl-imputazzjoni imma ukoll ta' parti sostanzjali mill-arretrati dovuti ghall-manteniment mid-data tal-imputazzjoni sal-lum.

**Illi kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti (Ara.** "Il-Pulizija vs. Publius Said**" [9.7.2003] u ohrajn) l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati , li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont sostanzjali fuq imsemmi w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell , hemm lok ghal temperament fil-piena .**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta**

**kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' sebghat (7) ijiem detenzjoni u minnflok tikkundannah ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25), li pero', jekk ma jithallsux illum stess, jigu konvertiti f' hamest ijiem detenzjoni skond l-artikolu 13 (2) u 14 (1) tal-Kodici Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------